**11 ta' Mejju, 1965**

**Imħallef:**

**l-Onor. Dr. M. Caruana Curran, B.A., LL.D.**

Teodora Desira pro et noe.

*versus*

Avukat Dr. Albert Camilleri, et noe.

**Alimenti — Mara miżżewġa — Separazzjoni di fatto — Abbandun — Art. 3(a), 6, 48, 56(1)(d) tal-Kodiċi Civili.**

*F'kawża ta' alimenti l-Qorti tipprexindi mir-raġunijiet il-għala l-kontendenti ma jkunux qegħdin jgħixu flimkien.*

*Mara miżżewġa, fin-nuqqas ta' separazzjoni ġjudizzjali jew konsenswali mir-raġel tagħha, għandha dritt għall-alimenti.*

*Biex jeħles mid-dmir tiegħu li jmantni lil martu fuq il-mottiv tal-abbandun, ir-raġel irid jipprova li martu telqet mid-dar konjugali, li hu interpellaha tirritorna, li hi rrifjutat li tiġi lura u li ma kelliex ġusta kawża biex tirrifjuta li tmur lura fid-dar konjugali.*

*It-tfal dejjem hemm lok li jiġu alimentati mill-missier skond il-liġi u qabel kull ħadd u qatt ma jista' jkollhom ħtija għall-mankanzi addebitati lill-ommhom.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attriċi f'isimha proprio u bħala kuratriċi ad litem ta' wliedha minuri Salvino, Giuseppa, Giovanni u Emmanuele, aħwa Desira ammessa għall-benefiċċju tal-patroċinju gratuitu b'digriet tal-31 ta' Jannar, 1963, wara li ppremettiet li Lorenzo Desira, żewġha u missier l-imsemmija tfal minuri, jinsab l-Awstralja u ilu xi sena u nofs ma jibgħat alimenti lilha u lill-uliedha — talbet li

l-konvenuti nomine jiġu kundannati jħallsu lill-attriċi għaliha u għall-uliedha minuri Salvino, Giuseppa, Giovanni u Emmanuele, aħwa Desira, pensjoni alimentarja ta' dak l-ammont u li titħallas b'dawk ir-rati u f'dak iż-żmien u lok li jiġu fissati minn din il-Qorti. Bl-ispejjeż.

OMISSIS:

Ikkunsidrat:—

Illi deċiż dan il-punt, jibqa' għall-konsiderazzjoni tal-Qorti l-eċċezzjonijiet (1) li r-rikorrenti iddekadiet mid-dritt għall-alimenti minħabba abbandun u inġurji gravi, (2) li l-konvenut huwa lest biex jilqa' l-uliedu f'daru l-Awstralja u jikkollokhom f'kulleġġ.

Illi l-ewwel eċċezzjoni ċertament ma tistax tolqot lit-tfal li qatt ma jista' jkollhom ħtija għall-mankanzi addebitati lil ommhom u li, kif osservat din il-Qorti diversament presjeduta fid-digriet tal-alimenti provvisorji (fol. 20), dejjem hemm lok li jiġu alimentati mill-missier skond il-liġi u qabel kulħadd. Infatti l-konvenut ipprova jilqa' għal din il-kontinġenza permezz tat-tieni eċċezzjoni, li tiġi ikkunsidrata f'waqtha. Imma fl-ewwel lok il-Qorti trid teżamina jekk l-eċċezzjoni dwar l-abbandun u l-inġurji gravi addebitati lill- attriċi proprio hijiex rilevanti għall-kawża u f'każ affermativ, hijiex sostanzjata fil-konfront tal-provi tal-attriċi.

In kwantu għall-ewwel kwistjoni, dik ċioè tar-rilevanza tal-allegata abbandun in inġurji, dawna mhumiex rilevanti għall-finijiet ta' din l-azzjoni, għax din mhix ħlief kawża ta' mara miżżewġa għall-alimenti kontra l-konjugi tagħha. Għal-kemm l-abbandun inġust u voluntarju jista' ikun raġuni għad-dekadenza tal-mara mid-dritt għall-alimenti kontra żewġha, din il-propożizzjoni ta' liġi (effett kombinat tal-art. 48, u 56

*(1) (d) Kodiċi Ċivili), għandha applikazzjoni biss fil-kontest* u fil-verifika tal-azzjoni għas-separazzjoni personali u mhux fil-kawża tal-alimenti. Fil-kawża tal-alimenti proposta, mill-mara kontra r-raġel meta huma jkunu mifrudin "de facto" kif fl-ispeċji l-eċċezzjonijiet tiegħu li hi irrendiet ruħha ħatja ta' adulterju, abbandun eċċ... huma irrilevanti, għax skond l-Art. 3(2) tal-Kodiċi Ċivili r-raġel hu fid-dmir li jmantni lil martu u dan l-obbligu mhux ġej miċ-ċirkostanzi tal-konvivenza imma *mill-vinkolu matrimonjali.* F'kawżi ta' alimenti bejn il-miżżewġin il-Qorti għalhekk, kif ġie ritenut mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawża **Vassallo utrinque 16 ta' Frar, 1880,** għandha tipprexxindi mir-raġunijiet il-għala l-kontendenti ma jkunux qegħdin jgħixu flimkien. Dawn ma jiffurmawx il-meritu tal-kawża u l-attriċi in difett tas-separazzjoni ġiudizzjali jew konsenswali mir-raġel tagħha għandha dritt li titlob mingħandu l-prestazzjoni tal-alimenti fid-dar konjugali jew f'post ieħor, sakemm ir-raġel ma jirrikjamahiex biex terġa' tmur tgħix miegħu. U, biex jeħles minn dan id-dmir importanti tiegħu li jmantni lil martu skond il-mezzi u l-kondizzjoni tiegħu r-raġel m'għandux x'jagħmel ħaġ'oħra ħlief li jippromuovi l-azzjoni tas-separazzjoni personali jew li jinterpellaha taħt l-art. 6 tal-Kodiċi biex terġa' tmur tikkonvivi miegħu wara li hija tkun telqet mid-dar konjugali. Jidher li għall-posizzjoni legali kif espressa hawn fuq hemm awtorità suffiċjenti, barra milli fid-dispożizzjonijiet tal-liġi ġià ċitati, u barra missentenza *Vassallo* utrinque ġià *mfakkra,* anki *fil-ġurisprudenza* kostanti li tinsab fil-Koll. Vol. XXII, i, 293, XXIX, ii, 313, u 539, XXXV, i, 186, XXXVII, ii, 795, XXXVIII, ii, 488, **Bartolo utrique** deċiża minn din il-Qorti, fit-30 ta' April, 1964. Per konsegwenza dak li seta' ikun rilevanti f'din il-kawża mhuwiex l-allegazzjoni tal-abbandun, u lanqas (għall-identika raġuni), tal-inġurja, imma, semmai, il-prova ta' xi interpellazzjoni da parti tal-konvenut taħt l-art. 6 tal-Kodiċi, interpellazzjoni li, kif ġià ġie osservat minn din il-Qorti, fis-sentenza Vol. XXXVII, ii, 488, fuq imsemmija u, impliċitament mill-

Onorabbli Qorti tal-Appell fis-sentenza Vol. XXXV, i, 186, ukoll fuq imsemmija, kienet tista' tiswa lill-konvenut mhux biex il-Qorti tidħol fl-indaġni tal-kawżali tal-abbandun imma biex tara jekk l-attriċi kelliex ġusta kawża biex tallontana ruħha mid-dar tal-konvenut, u kwindi biex tirrifjuta terġa' tmur miegħu.

Illi hawn ta' minn jinnota li l-konvenut nomine ma iffor-mulax l-eċċezzjoni — li tidher miktuba di propositu (fol. 14), fil-mod rikjest għal min iħoss li għandu favur tiegħu l-protezzjoni tal-art. 6 tal-Kodiċi. Huwa infatti, ma allegax li l-attriċi **telqet** mid-dar konjugali, u debitament **interpellata** qiegħda **tirrifjuta tmur lura mingħajr ġusta kawża**, eċċezzjoni li tirrekjiedi erba' elementi distinti, viż: it-tluq, l-interpellazzjoni, r-rifjut tar-ritorn u n-nuqqas ta' ġusta kawża, imma allega "sic et sempliciter" l-inġurja u l-abbandun, liema abbandun huwa donnu jagħmlu jikkonsisti fin-nuqqas tal-attriċi li tmur lura l-Awstralja, pajjiż li minnu hi qatt ma telqet għax qatt ma kienet fih.

Illi taħt dan l-aspett, il-provi tal-konvenut jonqsu minn almenu żewġ elementi indispensabbli. Fl-ewwel lok jonqos il-prova serja u ġenwina tal-interpellazzjoni stess. Anki kienu jiġi ritenut li s-sempliċi invit, anki mhux fil-forma ta' att ġiudizzarju kien biżżejjed, il-Qorti m'għandhiex quddiemha provi suffiċjenti biex tikkonkludi li l-invit tal-konvenut, sar b'dik is-serjetà u b'dik is-sinċerità li att simili jirrikjiedi, anzi x'aktarx jidher li l-konvenut wara li għall-żmien sena ma tax każ tal-attriċi u wliedu, meta sab ruħu konfrontat bil-kawża eskoġita b'dan il-mod jiddefendi ruħu kontra t-talba tal-alimenti. Meta r-raġel ikun ilu ma jippresta l-alimenti u joħroġ b'dan l-invit biss meta jiġi mħarrek l-invit tiegħu huwa dejjem sospett u m'għandux jiġi aċċettat mill-Qorti bħala ġenwin ammennokke ma ikunx akkompanjat minn ċirkostanzi u provi barra minnu stess li jirenduh denju ta' affidament. L-ittra a fol. 36, li l-aw-

tentiċità tagħha ma ġietx kontestata turi li almenu saż-żmien li inkitbet il-konvenut ma kienx għadu lest biex jirċievi l-attriċi fl-Awstralja, mentri l-esperjenza tal-ħajja turi li kull min ried jibgħat għall-familja tiegħu fl-Awstralja b'mod jew ieħor sab irkaptu. Fit-tieni lok ma hemm assolutament ebda prova li l-attriċi qatt telqet mid-dar tal-konvenut. Sa fejn jidher millprovi hija dejjem baqgħet tgħix fid-dar konjugali f'San Pawl il-Baħar flimkien ma' uliedha, u għalhekk ma kienx il-każ ta' ebda interpellazzjoni biex hi tmur lura fid-dar tal-konvenut. Kif tista' mara miżżewġa tiġi interpellata tmur lura f'dar li minnha qatt ma telqet?

Illi l-konvenut nomine kif intqal fuq, ma jifformulax l-eċċezzjoni tiegħu f'dan il-mod imma jgħid biss li l-attriċi naqset li żżomm il-ftehim li tmur tgħix miegħu l-Awstralja. Din hi, talvolta ċirkostanza għal kollox differenti mit-tluq effettiv tal-mara mid-dar konjugali, u l-Qorti għandha tapplika l-liġi kif issibha u ma tistax, f'materja tant delikata fir-relazzjonijiet bejn il-miżżewġin, u speċjalment meta tidħol ċ-ċirkostanza gravi tal-emigrazzjoni f'pajjiżi remoti bil-possibilità li kien il-konvenut stess li abbanduna lill-familja, tagħmilha ta' leġislatur u iżżid raġuni ġdida ta' dekadenza mid-dritt tal-mara għall-alimenti.

Illi għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tikkonkludi li l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut nomine, tant għar-rigward tal-allegat abbandun kemm tal-allegata inġurja, hija irrilevanti għallfinijiet ta' din il-kawża u għalhekk il-Qorti mhix imsejħa lanqas biex tivvalja l-provi relativi. Fl-istess ħin in kwantu qatt jista' jiġi suġġerit mill-konvenut nomine li huwa bl-eċċezzjoni tal-abbandun kellu f'moħħu l-eċċezzjoni li tista' tingħata taħt l-art. 6 tal-Kodiċi Ċivili, l-eċċezzjoni tibqa' ugwalment respinta fuq il-motivi (a), li l-interpellazzjoni jew, skond il-każ, invit, tal-konvenut biex l-attriċi tmur lura f'daru ma jirriżultax suffiċjentement u (b) li ma jirriżultax li l-attriċi qatt tel-

qet mid-dar tal-konvenut.

OMISSIS:

Illi dwar t-tfal il-konvenut eċċepixxa li huwa lest biex jilqagħhom f'daru l-Awstralja, u jew jikkollokahom f'Kulleġġ. Huwa verament ma ċċarax jek il-kulleġġ jew kulleġġi fejn irid jikkollokahom jinsabux Malta jew fl-Awstralja għalkemm mid-deposizzjoni tiegħu (fol. 40), jidher li l-kulleġġ li ried jirriferixxi għalih il-konvenut huwa f'Malta. Hawnhekk ukoll l-imġiba tal-konvenut sakemm bdewlu dawn il-kawżi għandha importanza massima fl-apprezzament ta' din l-eċċezzjoni. Irridu nibdew biex niftakru li almenu għal sena qabel ma xehed il-konvenut kien ħalla lil uliedu fil-bżonn u ma ħax passi oħrajn biex juri li hu verament riedhom miegħu jew bagħtilhom xi flus jew qabbad lil xi ħadd hawn Malta biex idaħħalhom hu l-kulleġġ. Din is-solleċitudini kollha donnha li nqalgħet malli bdiet il-kawża, u anki min mindu bdewlu dawn il-kawżi l-konvenut ma aġixxix biex jitlob il-kustodja ta' wliedu imma sempliċiment illimita ruħu għal din l-eċċezzjoni li tirrappreżenta "an easy way out". Imma mingħajr ma jibgħatilhom il-flus għall-passaġġi u jagħmlilhom il-garanzija neċessarja jew komunque jieħu passi effettivi oħrajn biex juri s-serjetà ta' l-intenzjonijiet fis-sempliċi forma ta' eċċezzjoni fuq il-karta, jiswa daqs invit għall-vjaġġ għall-qamar, u l-Qorti jidhrilha li "rebus sic stantibus", u kunsidrat l-interess tat-tfal stess li huwa l-kriterju suprem, hija għandha għalissa tirresistih billi tirrispinġi l-eċċezzjoni in kwistjoni salvo għall-konvenut id-dritt li, jekk jidhirlu, jippromuovi azzjoni **ad hoc** biex jitlob il-kustodja ta' uliedu bis-saħħa tal-patria-potestà, f'liema azzjoni dawk l-interessi tagħhom ikunu jistgħu jiġu indagati wkoll fid-dawl tal-provi li l-konvenut ikun fi grad jipproduċi dwar il-passi li jkun ħa biex juri s-serjetà tal-intenzjonijiet tiegħu u l-imħabba lejn uleidu. Għax il-kliem huma faċili u l-fatti iżjed diffiċli.

OMISSIS:

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi prevja r-riġett ta' l-ewwel u tat-tieni eċċezzjoni tal-konvenut nomine, u wara li tiddikjara li, stante rinunzja, ma tieħux konjizzjoni tat-talba tal-attriċi dwar it-tifel Salvino, tilqa' t-talba tagħha proprio u nomine u tikkundanna lill-konvenut nomine iħallas lill-attriċi r-retta alimentarja ta' sitt liri u ħames xelini (£6.5.0) fil-ġimgħa, kwantu għall-£3 fil-ġimgħa għaliha stess, u £1.5.0 fil-ġimgħa għall-bintha Giuseppa, u għal £1 fil-ġimgħa kull wieħed għat-tfal Giovanni u Emanuele liema alimenti għandhom jitħallsu bil-quddiem fir-residenza tal-attriċi mil-lum stess u hekk kull nhar ta' Tlieta fil-futur. L-ispejjeż kollha tal-kawża, kompriżi dawk tal-mandat u ittra uffiċjali imsemmija fiċ-ċitazzjoni, jitħallsu kollha mill-konvenut nomine ħlief dawk tad-digriet tas-separazzjoni u dawk tar-rikors u digriet għar-riappuntament, u notifika relativi, li għandhom jitħallsu mill-attriċi proprio et nomine. Jibqgħu riservati d-drittijiet tal-konvenut "si et quatenus" biex, jekk jidhirlu, jaġixxi biex jieħu taħt idejh il-kura u l-kustodja tat-tfal alimentandi skond din s-sentenza.